



**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI**  
**TAC-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA**  
**LI TADOTTA L-ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĖIT 2017 – CT/CA-009/2016MT**

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAC-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-2 ta' Jannar 2014 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-051/2013),

Billi:

(1) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta l-baġit taċ-Ċentru abbażi tal-abbozz mħejji mid-Direttur;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

**Artikolu 1**

L-abbozz preliminari tal-baġit 2017 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness għal din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Marzu 2016,

Għall-Bord tal-Amministrazzjoni,

R. Martikonis

President 

Anness: Abbozz preliminari tal-baġit 2017



Bord tal-Amministrazzjoni

# ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT 2017

CT/CA-009/2016MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

- A. INTRODUZZJONI ĠENERALI
- B. DĦUL
- C. INFIQ
- D. ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – DETTALJI

ANNES 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

## I. INTRODUZZJONI

### A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2017 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali.
- B. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, b'mod partikolari li jinkludi pagamenti magħmula mill-korpi li ċ-Ċentru jaħdem għalihom, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom sar qbil dwar kollaborazzjoni bħala kumpens għal xogħol magħmul minnu, inklużi attivitajiet interistituzzjonali, u kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea.
- C. L-infiq taċ-Ċentru, imqassam skont it-titolu, u
- D. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn il-baġit għall-2017 u l-programm ta' ħidma għall-2017, u tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività biex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi taċ-Ċentru. Dan jistipula wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'ewro.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2017 jirrifletti l-abbozz preliminari tal-estimi tad-dħul u l-infiq kif inkluż fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2017-2019 (Ref. CT/CA-002/2016) u tnejja f'konformità mar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru (Artikoli 35-37).

L-abbozz preliminari tal-baġit 2017 m'ħejji abbażi tal-prezzijiet applikabbli fl-2016, li huma murija fit-tabella hawn taħt. Soġġett għad-deċiżjoni mill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar il-proposta taċ-Ċentru biex tiġi modifikata tal-istruttura tad-determinazzjoni tal-prezzijiet, l-abbozz tal-baġit 2017, li għandu jiġi approvat f'Ottubru 2016, jista' jiġi adattat kif xieraq. Bħas-soltu, iċ-Ċentru se jagħmel analiżi tal-ispejjeż għal sitt xhur f'Lulju 2016, qabel ir-rieżami tal-previżjonijiet għall-2017, li mistenni jsir f'Awwissu 2016.

Prezzijiet applikabbli fl-2016:

<b>Servizz ipprovdut</b>	<b>Normali (EUR)</b>	<b>Skedati/Bil-mod (EUR)</b>	<b>Urġenti (EUR)</b>	<b>Urġenti ħafna (EUR)</b>
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	82.00	73.80	102.50	147.60
Modifika (prezz għal kull paġna)	172.00	154.80	215.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	39.00	35.10	43.90	
Trademarks (prezz għal kull paġna)		EUR 36.06 għal 398 365 paġna		
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 2.50		
Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum)		EUR 900		
Konsultazzjoni lingwistika (prezz għal kull persuna/jum)		EUR 900		

Verifika tal-kwalità ex post (EPQC) għat-traduzzjonijiet tat-trademarks Komunitarji (prezz għal kull persuna/jum)	EUR 900 għal kull persuna /kuljum (50% tal-ispejjeż totali)
Sottotitolaġġ (prezz għal kull minuta)	EUR 41.00

#### Żidiet fit-tariffi

Tip ta' dokument	EUR
Format kumpless (prezz addizzjonali għal kull paġna)	15.00
Format PDF (prezz addizzjonali għal kull paġna)	12.00
Kunfidenzjali (prezz addizzjonali għal kull paġna)	20.00
Lingwa mhux tal-UE (prezz addizzjonali għal kull paġna)	10.00
Dokument imtella' fuq l-internet (prezz addizzjonali għal kull dokument)	10.00

#### B. DĦUL

Il-previżjoni tad-dħul totali għall-2017 huwa ta' EUR 49.4 miljun, b'EUR 44.9 miljun fit-Titoli 1-4. Id-dħul huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	43 495 100
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	802 000
4. Dħul ieħor	635 850
5. Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	4 438 250

Bħal fis-snin preċedenti, il-previżjonijiet tad-dħul taċ-Ċentru huwa bbażat fuq il-previżjonijiet ipprovduti mill-klijenti tiegħu. Għaldaqstant għandu jkun enfasizzat li l-estimi tad-dħul huma soġġetti għal bidla, skont il-ħtiġijiet attwali tal-klijenti u l-baġits tagħhom.

Mill-2017, kif issuġġerit mid-DĠ għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni u sabiex l-istruttura tal-baġit issir aktar konsistenti u trasparenti, id-dħul mill-klijenti kollha taċ-Ċentru se jiġi rreġistrat fit-Titolu 1 'Pagamenti mill-aġenziji, l-uffiċċji, l-istituzzjonijiet u l-korpi'. Sal-2016, id-dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE ġie rreġistrat fit-Titolu 3 'Kooperazzjoni Interistituzzjonali'. Mill-2017, it-Titolu 3 se jinkludi biss kooperazzjoni interistituzzjonali, jiġifieri l-ġestjoni tal-proġetti interistituzzjonali. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-klijenti, il-previżjoni tad-dħul għall-2017 fit-Titolu 1 hi EUR 43.5 miljun, nuqqas drastiku ta' EUR 4.7 miljun (-9.8%) meta mqabbel mal-previżjoni tad-dħul mill-klijenti fil-baġit għall-2016 (It-Titolu 1 u t-Titolu 3 minbarra l-Partiti 3001 u 3002).


L-akbar klijent taċ-Ċentru, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)<sup>1</sup>, naqqas il-previżjoni għat-traduzzjoni ta' trademarks għal 2.5% fl-2017 (Partita 1006), meta mqabbel mal-baġit għall-2016. Din tikkorrispondi għal tnaqqis ta' EUR 356 600. Il-previżjoni tal-UASI għal servizzi oħrajn naqset bi 22.3%

<sup>1</sup> Mit-23 ta' Marzu 2016, l-Uffiċċju se jibda jissejjaħ l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

jiġifieri minn EUR 10.1 miljun fl-2016 għal EUR 7.8 miljun fl-2017 (Partita 1005). Meta mqabbel mad-dħul totali rċevut mill-UASI fl-2015, il-previżjoni tagħhom għall-2017 hija 4.0% inqas (EUR -917 670).

Tibdil sinifikanti ieħor imqabbel mal-2016 li jista' jkun innotat huwa t-tnaqqis fil-previżjonijiet li saru mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) b'46.7% (EUR -1.7 miljun) u mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) b'32.7% (EUR -360 000), u żieda fil-previżjoni tagħha b'by 7.9% (EUR 301 000) mill-Kummissjoni Ewropea, jiġifieri minħabba l-previżjoni mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST) b'relazzjoni mal-pjattaforma tas-Soluzzjoni Online tat-Tilwim.

**Figura 1. Id-dħul imqassam skont it-titolu\*, u s-sena: 2015-2017 (Titoli 1, 3 u 4)**



\*FI-2017, id-dħul kollu mill-klijenti taċ-Ċentru se jiġi rreġistrat fit-Titolu 1. FI-2015-2016, id-dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE ġie rreġistrat fit-Titolu 3.

Minbarra d-dħul mill-klijenti u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru jipprevedi dħul ieħor fit-Titolu 4, inkluż imgħax bankarju, dħul mis-sullokkazzjoni ta' parti mill-ispazju tal-uffiċċji mikrija tiegħu lill-Kummissjoni (Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel ('Chafea')), dħul mill-hosting ta' servizzi ta' ċentru tad-data lill-Aġenzija Ferrovarja Ewropea ('ERA') u kontrubbuzzjoni finanzjarja mill-Gvern Lussemburġiż bħala sostenn għall-ħlasijiet tal-kiri taċ-Ċentru. Il-previżjoni għal dan id-dħul fl-2017 hija EUR 635 850.

Fl-abbozz preliminari tal-baġit 2017, iċ-Ċentru għamel trasferiment għad-dħul tar-riżorsi minn żewġ fondi ta' riżerva maħluqa fis-snin preċedenti. Il-baġit jinkludi EUR 594 000 fi dħul f'forma ta' trasferiment mill-'Fond ta' Riżerva għal investimenti speċjali'. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-infiq previst għall-programm eCdT fl-2017, irreġistrat fil-Kapitolu 32 'Infiq'. Barra minn hekk, iċ-Ċentru ttrasferixxa għall-parti tad-dħul tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbilizzar tal-prezzijiet' imwaqqaf fl-2011, jiġifieri EUR 3.8 miljun.

Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-taqsim D, 'Attivitajiet', u l-parti III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Detallji".


### C. INFIQ

Għall-2017, l-infiq previst taċ-Ċentru tnaqqas b'2.8% meta mqabbel mal-baġit għall-2016, għalkemm huwa 12.9% ogħla meta mqabbel mal-eżitu għall-2015. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan il-livell tal-baġit

huma: 1) il-previżjonijiet tas-servizzi lingwistiċi taċ-Ċentru mill-klijenti 2) il-livell tal-persunal neċessarju biex jiżgura l-għoti ta' servizzi ta' kwalità għolja lill-klijenti, inkluż it-twettiq ta' kompiti ġodda kif ippjanat, u 3) l-impatt tal-inizjattivi strateġiċi, notevolment l-inizjattiva 12, 'Teknoloġiji ta' traduzzjoni ingranati fuq il-bażi tal-ogħla livell'. Meta wieħed iħares lejn it-Titoli 1-3 biss, u għaldaqstant jeskludi l-allokkazzjoni ta' EUR 299 300 għall-'Fond ta' prefinanzjament permanenti' fl-2016, il-baġit għall-2017 hu 2.2% inqas mill-baġit għall-2016.

Fl-arsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, fosthom tqabbil mal-baġit tal-2016 u l-eżitu għall-2015, hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Figura 2. Id-dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2015-2017 (Titoli 1, 2, 3 u 10)



\*Titolu 1: 'Persunal'; Titolu 2: 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv varju'; Titolu 3: 'Infiq operattiv'; u t-Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva'. Il-baġit għal Titolu 10 fl-2017 huwa pro memoria (p.m.), iżda jintwera bħala '0' fil-figura.

### Titolu 1, PERSUNAL

Il-baġit għal Titolu 1 fl-2017 jilħaq EUR 25.8 miljun, 2.2% ogħla minn dak għall-2016, jiġifieri żieda ta' EUR 0.6 miljun. Il-baġit taċ-Ċentru jipprevedi aġġustamenti potenzjali tas-salarji annwali, stmati għal 1.8% fis-sena, kif ukoll avvanzi fil-gradi biennali u promozzjonijiet. Meta mqabbel mal-infiq attwali fl-2015, il-previżjoni għall-2017 hi 12.6% ogħla, żieda ta' EUR 2.9 miljun. Dan hu prinċipalment minħabba rata ta' okkupanza ogħla għat-tabella tal-persunal taċ-Ċentru.

### Titolu 2, BINI, APPARAT U INFIQ VARJU OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 2, 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv varju', huwa EUR 7.1 miljun fl-2017. Dan żdied b'0.4% meta mqabbel mal-baġit għall-2016, u żdied b' 9.4% meta mqabbel mal-eżitu għall-2015. Fl-2017, l-infiq għall-IT huwa previst li jżdied bi 2.6% meta mqabbel mal-2016, u b'19.9% meta mqabbel mal-2015. Għandu jkun enfasizzat li l-infiq fit-Titolu 2 jinkludi nfiq għall-hosting ta' ċentru ta' data għall-Aġenzija Ferrovarja Ewropea ('ERA') u għas-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji lil Chafea. F'konformità mal-prinċipju tal-universalità, id-dħul riċevut minn ERA u Chafea hu rreġistrat bħala dħul.

### Titolu 3, INFIQ OPERATTIV

Il-baġit għat- Titolu 3 tnaqqas b'9.4% meta mqabbel mal-baġit għall-2016, u żdied bi 15.0% meta mqabbel mal-eżitu għall-2015. L-ikbar parti tal-baġit hija għas-servizzi esterni tat-traduzzjoni (Partita 3000), li għal dan il-baġit jonqos b'10.4%, jiġifieri minn EUR 16 710 000 fl-2016 għal EUR 14 980 000 fl-2017. Il-baġit stmat huwa konformi mal-previżjoni tal-volumi mill-klijenti taċ-Ċentru.

#### D. ATTIVITAJIET

lċ-Ċentru ddefinixxa erba' attivitajiet: 1) Attivitajiet operattivi prinċipali: servizzi lingwistiċi; 2) Attivitajiet ta' sostenn; 3) Attivitajiet ta' esternalizzazzjon u komunikazzjoni; u 4) Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni. Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2017 huma allokati għad-diversi attivitajiet, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titolu 1 huma allokati abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titoli 2 huma prinċipalment allokati abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività, minbarra xi spejjeż li huma direttament allokati għal attività. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titolu 3, huma direttament allokati għall-attivitajiet korrispondenti. Il-kalkolu jikkunsidra d-distribuzzjoni tat-tipi differenti ta' karigi, il-gradji differenti u l-ispejjeż tas-salarji. Id-dettalji huma stabbiliti fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru għall-2017-2019.

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attivitajiet operattivi prinċipali	64.9%	74.2%	36 662 013
Attivitajiet ta' sostenn	26.6%	16.0%	7 928 109
Attivitajiet ta' esternalizzazzjoni u komunikazzjoni	2.2%	3.6%	1 744 866
Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni	6.3%	6.2%	3 036 212
Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva', mhux allokati għal attività			
Total	100%	100%	49 371 200

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' paġni u l-listi ta' termini previsti għall-2017 u l-2016, u d-dħul previsti. Il-previżjoni tal-volum tat-traduzzjoni, f'numri ta' paġni għal kull klijent, tinsab f'taqsima III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - dettalji".

	2017	2016	% 2017-2016
Numru totali ta' paġni previsti*	744 891	796 067	-6.4%
Numru totali ta' listi ta' termini previsti**	199 485	340 638	-41.4%
Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini***	43 495 100	48 229 800	-9.8%

\* Inkluż 382 157 paġna ta' trademarks Komunitarji fl-2017 u 398 365 paġna fl-2016.

\*\* Inklużi l-listi ta' termini u d-disinji Komunitarji. 17 362 tat-termeni fl-2017 huma disinji Komunitarji, u 151 128 huma termini oħra mill-UASI.

\*\*\* Inkluż dħul li jikkorrispondi għal-listi ta' termini mill-UASI (li ma jinkludux disinji Komunitarji): EUR 604 512 fl-2017 u EUR 1 100 080 fl-2016.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – ĦARSA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Sena finanzjarja 2017	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015
	<b>DĦUL</b>			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI (*)	43 495 100	43 665 900	39 449 687
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI (*)	802 000	5 297 400	1 832 490
4	DĦUL IEĦOR	635 850	574 650	695 257
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	4 438 250	1 247 450	0
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0
	<b>TOTAL</b>	<b>49 371 200</b>	<b>50 785 400</b>	<b>41 977 434</b>
	<b>INFIQ</b>			
1	PERSUNAL	25 817 500	25 264 100	22 926 842
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	7 079 700	7 048 000	6 472 976
3	INFIQ OPERATTIV	16 474 000	18 174 000	14 316 723
10	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	299 300	0
	<b>TOTAL</b>	<b>49 371 200</b>	<b>50 785 400</b>	<b>43 716 542</b>

\* FI-2017, id-dħul taħt Titolu 1 jinkludi d-dħul previst mill-klijenti kollha. FI-2016 u I-2015, id-dħul mill-istituzzjonijiet tal-UE ġie rreġistrat taħt it-Titolu 3.



DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – DETTALJI

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
<b>DĦUL</b>					
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	181 300	172 800	245 553	2,062 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	177 600	213 700	290 991	2 090 paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	320 400	296 200	310 544	3 349 paġna
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 632 000	3 844 100	2 377 546	39 723 paġna
1004	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	700 000	725 800	1 455 711	8 537 paġna
1005	Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)	7 843 800	10 092 700	6 028 531	Dokumenti: 69 202 paġni; Listi ta' termini: 151 128 terminu; Disinni Komunitarji: 17 362 terminu; Editjar lingwistiku: 17 616-il paġna
1006	Trademarks tal-UASI	14 007 400	14 364 000	16 740 339	382 157 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	90 100	111 800	83 480	1 099 paġna
1008	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	106 400	224 000	120 001	1 297 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Flajja u tax-Xogħol (Eurofound)	422 200	487 800	353 436	5 149 paġna
<b>100</b>	<b>Artikolu 100</b>	<b>27 481 200</b>	<b>30 532 900</b>	<b>28 006 133</b>	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)	44 800	49 400	45 399	545 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	1 234 800	1 096 200	1 092 385	Dokumenti: 14 211-il paġna; listi ta' termini: 30 120 terminu.
1014	Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)	p.m.	p.m.	9 606	
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	124 600	204 000	125 585	1 455 paġna
1016	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	167 800	167 800	0	2 046 paġna
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	124 700	130 900	191 401	1 472 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
1018	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)	137 000	200 000	135 126	1 857 paġna
1019	Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)	730 000	697 600	994 947	9 395 paġna
<b>101</b>	<b>Artikolu 101</b>	<b>2 563 700</b>	<b>2 545 900</b>	<b>2 594 449</b>	
1020	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infommazzjoni (ENISA)	70 000	70 000	40 130	854 paġna
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	109 500	78 800	129 042	1 326 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruniteri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX)	373 500	343 600	521 645	5 044 paġna
1023	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	729 800	664 600	766 877	8 648 paġna
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	13 600	13 600	93 966	166 paġna
1025	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	62 600	102 500	25 843	Dokumenti: 793 paġna; Listi ta' termini: 275 terminu.
1026	Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel (Chafea)	332 300	184 900	44 721	3 316il paġna
1027	Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA)	17 000	17 000	5 668	207 paġni
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	4 700	4 700	7 378	57 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 900 000	3 562 900	2 353 451	23 171 paġna
<b>102</b>	<b>Artikolu 102</b>	<b>3 613 000</b>	<b>5 042 600</b>	<b>3 988 720</b>	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	149 700	149 700	134 079	1 834 paġna
1031	Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	46 600	46 600	50 107	568 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (Satcen)	p.m.	p.m.	0	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks (INEA)	26 000	26 000	60 227	317-il paġna
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	35 000	40 000	37 371	427 paġna
1035	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	16 200	18 400	11 931	172 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)	31 200	26 300	13 996	319-il paġna
1037	Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU)	35 800	35 800	2 358	437 paġna
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	133 800	133 800	205 623	1 632 paġna
1039	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	28 600	28 600	28 761	349 paġna
103	Artikolu 103	502 900	505 200	544 452	
1040	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-2017 (KEPD)	—	684 500	299 372	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġu rreġistrati fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-EDPS se jiġi rreġistrat fil-Partita 1109.
1041	Impriża Konġunta għall-Implimentazzjoni ta' Inizjattiva ta' Teknoloġija Konġunta f'Sistemi tal-Komputer Inkorporat (ARTEMIS)	—	—	2 772	Din il-partita tal-baġit mhix se tintużawara l-2015, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha d-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052.
1042	Inizjattiva ta' Impriża Konġunta għal Mediċini Innovattivi (IMI)	7 200	7 200	2 706	88 paġna
1043	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU)	9 200	9 200	1 131	112-il paġna
1044	L-Inizjattiva Impriża Konġunta tal-Kunsill Konsultattiv Ewropew tan-Nanoelettronika (ENIAC JU)	—	—	0	Din il-partita tal-baġit mhix se tintuża wara l-2015, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha d-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052.
1045	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	418 200	418 200	1 227 821	5 100 paġna
1046	Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	78 200	60 400	20 119	1 136 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	735 000	1 091 900	215 510	8 964 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	310 600	310 600	1 234 558	3 788 paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	38 400	457 700	781 070	520 paġna
<b>104</b>	<b>Artikolu 104</b>	<b>1 596 800</b>	<b>3 039 700</b>	<b>3 785 059</b>	
1050	Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)	87 700	44 200	49 911	1 159 paġna
1051	L-Aġenzja Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi kbar tat-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)	736 200	442 200	343 728	8 635 paġna
1052	Impriża Konġunta ta' Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL JU)	3 900	13 200	14 594	48 paġna
1053	Ċentru Marittimu ta' Analiżi u Operazzjoni (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	p.m.	—	
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	1 500 000	1 500 000	122 643	18 292 paġna
<b>105</b>	<b>Artikolu 105</b>	<b>2 327 800</b>	<b>1 999 600</b>	<b>530 875</b>	
<b>10</b>	<b>HLASIJET MILL-AĠENZJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI</b>	<b>38 085 400</b>	<b>43 665 900</b>	<b>39 449 687</b>	
1100	Kummissjoni Ewropea	4 136 300	—	—	Dokumenti: 67 812il paġna; Listi ta' termini: 30 600 terminu. Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-istima ta' volumi għad-DĠ għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, u d-DĠ -Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.
1101	Parlament Ewropew	p.m.	—	—	
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	263 000	—	—	3 945 paġna
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	10 300	—	—	100 paġna
1104	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea	p.m.	—	—	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	—	—	
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	—	—	
1107	Bank Ċentrali Ewropew	144 700	—	—	1 720 paġna
1108	Ombudsman Ewropew	105 400	—	—	1 428 paġna
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)	750 000	—	—	9 147 paġna
<b>110</b>	<b>Artikolu 110</b>	<b>5 409 700</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	
<b>11</b>	<b>HLASIJET MILL-ISTITUZZJONIJIET</b>	<b>5 409 700</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	Dan il-kapitolu għandu dħul mis-servizzi pprovduti lill-istituzzjonijiet. Sal-2016, dan id-dħul ġie rreġistrat fit-Titolu 3, 'Kooperazzjoni interistituzzjonali' u fil-Partita 1040, 'Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data'.
<b>1</b>	<b>HLASIJET MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI</b>	<b>43 495 100</b>	<b>43 665 900</b>	<b>39 449 687</b>	<b>L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.</b>
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
200	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
<b>20</b>	<b>SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	
<b>2</b>	<b>SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	
3000	Il-Kummissjoni Ewropea qabel l-2017	—	3 835 000	526 509	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kummissjoni Ewropea se jiġi rreġistrat fil-Partita 1100.
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	802 000	733 500	659 337	Din il-partita tkopri dħul riċevut permezz tal-ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali taċ-Ċentru, notevolment il-proġett IATE.
3003	Il-Parlament Ewropew qabel l-2017	—	p.m.	0	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Parlament Ewropew se jiġi rreġistrat fil-Partita 1101.

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
3004	Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	260 000	177 797	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kunsill se jiġi rreġstrat fil-Partita 1102.
3005	Qorti Ewropea tal-Awdituri qabel l-2017	—	p.m.	5 640	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri se jiġi rreġstrat fil-Partita 1103.
3006	Kumitat tar-Regġuni tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	p.m.	0	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kumitat tar-Regġuni se jiġi rreġstrat fil-Partita 1104.
3007	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qabel l-2017	—	p.m.	0	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew se jiġi rreġstrat fil-Partita 1105.
3008	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	p.m.	1 066	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Qorti tal-Ġustizzja se jiġi rreġstrat fil-Partita 1106.
<b>300</b>	<b>Kooperazzjoni interistituzzjonali</b>	<b>802 000</b>	<b>4 828 500</b>	<b>1 370 349</b>	
3010	Il-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-2017	—	385 700	123 388	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Bank Ċentrali Ewropew se jiġi rreġstrat fil-Partita 1107.
3011	L-Ombudsman Ewropew qabel l-2017	—	83 200	338 752	Wara l-2016, din il-partita tal-baġit mhix ser tintuża. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha se jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Ombudsman Ewropew se jiġi rreġstrat fil-Partita 1108.
<b>301</b>	<b>Artikolu 301</b>	<b>—</b>	<b>468 900</b>	<b>462 140</b>	
<b>30</b>	<b>KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI</b>	<b>802 000</b>	<b>5 297 400</b>	<b>1 832 490</b>	
<b>3</b>	<b>KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI</b>	<b>802 000</b>	<b>5 297 400</b>	<b>1 832 490</b>	
4000	Imgħax bankarju	70 000	50 000	123 384	
<b>400</b>	<b>Imgħax bankarju</b>	<b>70 000</b>	<b>50 000</b>	<b>123 384</b>	<b>Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru se jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.</b>
4010	Rimborżi varji	322 600	281 400	85 373	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
401	Rimborżi varji	322 600	281 400	85 373	Dan l-artikolu jkopri rimborżi varji , inkluż dħul mis-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji u l-ispazju tal-parkeġġ u l-hosting ta' ċentru tad-data lill-Aġenzija Ferrovarja Ewropea.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	243 250	243 250	486 500	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tal-ħlasijiet ta' kiri annwali taċ-Ċentru.
402	Sussidji oħra	243 250	243 250	486 500	
40	<b>DĦUL IEĦOR</b>	<b>635 850</b>	<b>574 650</b>	<b>695 257</b>	
<b>4</b>	<b>DĦUL IEĦOR</b>	<b>635 850</b>	<b>574 650</b>	<b>695 257</b>	
5000	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-2 ta' Jannar 2014.
500	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	
5010	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'	594 000	714 000	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' jikkorrispondi għall-ispejjeż fil-Kapitolu 32, 'Infq relatat mal-programm eCdT'.
5015	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'	3 844 250	533 450	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' huwa meħtieġ biex ikun ibbilanċjat il-baġit.
5016	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni'	p.m.	p.m.	0	Il-'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni', maħluq biex ikopri l-ispejjeż relatati mar-rilokazzjoni taċ-Ċentru fl-2013, intuża fl-2013.
5017	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għaż-żieda kontestata fis-salarji'	p.m.	p.m.	0	Din il-partita tal-baġit inħolqot fl-ewwel baġit ta' emenda 2014 biex tinkludi t-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għaż-żieda kkontestata fis-salarji" fl-2014, b'hekk jiġi kkanċellat il-fond ta' riżerva.
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	4 438 250	1 247 450	0	
50	<b>EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI</b>	<b>4 438 250</b>	<b>1 247 450</b>	<b>0</b>	
<b>5</b>	<b>EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI</b>	<b>4 438 250</b>	<b>1 247 450</b>	<b>0</b>	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
60	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	p.m.	p.m.	0	
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0	
<b>Dħul totali</b>		<b>49 371 200</b>	<b>50 785 400</b>	<b>41 977 434</b>	
<b>INFIQ</b>					
1100	Salarji bażiċi	14 806 500	14 318 700	13 417 727	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1101	Konċessjonijiet għall-familja	1 670 000	1 410 700	1 249 259	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u s-Sezzjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjonijiet tal-familja, tal-ulied dipendenti u tal-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1102	Konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija	2 205 800	2 137 700	2 158 440	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1103	Konċessjonijiet segretarjali	19 000	19 500	20 408	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjoni segretarjali mħallsa lil uffiċjali u lil persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografici jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożitur tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha qabel l-1 ta' Mejju 2004.
110	Persunal b'impjieg attiv	18 701 300	17 886 600	16 845 834	
1113	Apprendisti	34 600	33 400	14 736	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri nfiq relatat ma' apprendisti.
1115	Persunal kuntrattwali	1 568 000	1 737 600	1 118 318	Il-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
111	Persunal awżiljarju u persunal lokali	1 602 600	1 771 000	1 133 054	



Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2017	Baġit 2016	Eżitu 2015	Rimarki
1120	Taħriġ professjonali tal-persunal	228 100	231 500	168 431	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.
112	Taħriġ professjonali tal-persunal	228 100	231 500	168 431	
1130	Assigurazzjoni kontra l-mard	501 000	486 800	488 396	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom. Regoli dwar l-assigurazzjoni kontra l-mard għal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
1131	Assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol	113 500	110 300	71 686	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tagħhom u l-Artikolu 15 tal-Anness VIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol.
1132	Assigurazzjoni kontra l-qgħad	119 700	118 700	118 587	Il-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex persunal temporanju jiġi assigurat kontra l-qgħad.
1133	Kostituzzjoni jew żamma tad-drittijiet għal pensjoni	p.m.	p.m.	0	Il-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 42 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet miċ-Ċentru f'isem l-uffiċjali u l-persunal temporanju biex jiġu kostitwiti jew jinżammu d-drittijiet tagħhom għal pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom.
1134	Kontribuzzjoni għall-iskema Komunitarja tal-pensjoni	3 185 000	3 142 200	3 024 514	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur taċ-Ċentru għall-iskema Komunitarja tal-pensjoni.
113	Il-Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur	3 919 200	3 858 000	3 703 184	
